Peter Paul Bonnici u Pauline Bonnici

Vs

Europa Tours Ltd - Jesmond Vassallo

CCT 31/24/CC

Illum 11 ta' Gunju, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fit-13 ta' Frar 2024, fejn talbu hlas ta' l-ammont ta' €3,200 (tlett elef u mitejn ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnhom ghal btala lejn Istanbul, it-Turkija bejn it-28 ta' Dicembru 2023 u t-2 ta' Jannar 2024, u li liema btala kellha diversi nuqqasijiet.

Ra li s-socjeta intimata Europa Tours Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta, u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deheru l-atturi li ddeponew *viva voce,* u deher ukoll Jesmond Vassallo in rapprezentanza tas-socjeta intimata, li ma ha l-ebda azzjoni sabiex jiggustifika l-istat ta' kontumacja tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-23 ta' April 2024.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-atturi bbukjaw btala mas-socjeta intimata lejn Istanbul, it-Turkija. Din il-btala kienet bejn it-28 ta' Dicembru 2023 u t-2 ta' Jannar 2024. Il-prezz kumplessiv ta' din il-btala kien ta' €3,200 (tlett elef u mitejn ewro), liema prezz kien jinkludi t-titjiriet u l-akkomodazzjoni. Illi mill-atti jirrizulta li l-lukanda li originarjament kienet ser tkun parti mill-btala giet mibdula fl-ahhar mumenti qabel il-btala lejn Istanbul, it-Turkija.

Illi jirrizulta li entrambi l-atturi huma pensjonanti, u huma irriskontraw diffikultajiet tul il-btala. L-atturi ma kienux sodisfatti bil-lukanda li kienu allogjati fiha, liema lukanda kienet tinsab fit-tarf ta' tela', u l-ambjent tal-madwar ma kienx mizmum fi stat infrastrutturalment

tajjeb, u ma kienx igeniku. Illi l-atturi irriskontraw ukoll diffikultajiet ta' mobilita, peress li l-bankini ma kienux livellati, u kellhom diversi distanzi li kellhom jimxu.

Illi jirrizulta li l-atturi ipprezentaw diversi ritratti li huma hadu ta' l-ambjent tal-madwar tal-lukanda, liema ritratti jinsabu fl-atti ta' dawn il-proceduri. Inoltre, jirrizulta wkoll li ftit granet wara r-ritorn taghhom lejn Malta, l-attur Peter Paul Bonnici baghat korrispondenza elettronika lis-socjeta intimata fejn esprima id-dizappunt tieghu ghal btala li kellhom.

Illi jirrizulta li s-socjeta intimata wiegbet ghal lanjanzi avvanzati mill-atturi fil-korrispondenza elettronika tat- 8 ta' Jannar 2024, pero ma pprovdiet l-ebda soluzzjoni lil atturi. Inoltre, jigi rilevat li l-atturi ghamlu tentattivi ghal inkontru mas-socjeta intimata, bil-ghan li tinstab soluzzjoni, liema tentattivi saru ghat-8 ta' Jannar 2024 u it-12 ta' Jannar 2024, izda f'entrambi l-granet ma saret l-ebda laqgha. Finalment giet iffissata laqgha ghat-22 ta' Jannar 2024, liema laqgha giet ikkancellata mis-socjeta intimata ftit hin qabel il-hin skedat tal-laqgha. Sussegwentement, l-atturi ipprocedew bil-proceduri odjerni.

Illi l-atturi ipproducew fl-atti ta' dawn il-proceduri d-dokumentazzjoni riferuta fix-xhieda taghhom, kif ukoll il-prova tal-hlas totali ta' l-ammont ta' €3,200 (tlett elef u mitejn ewro).

Illi t-Tribunal jirrileva li ghalkemm it-talba ta' l-atturi tirrelata ma' l-ammont totali tal-btala, inkluz it-titlijiet, l-attur Peter Paul Bonnici jirrimarka fix-xhieda tieghu li huma *'mhux qed jitolbu l-ammont lura tat-titjiriet'*. Ghalhekk, it-Tribunal ser jiehu in konsiderazzjoni wkoll ta' dan il-punt.

Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti, u wara li sema' lil partijiet jixhdu fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-atturi hija gustifikata u ghandha timmerita konferma, izda mhux fl-ammont intier riklamat minnhom. Dan jinghad in vista tal-fatt li l-ammont riklamat jinkludi wkoll it-titjiriet li l-attur iddikjara li mhux qed jitlob l-ammont taghhom lura. Madankollu, l-ammont rapprezentanti t-titjiriet ma giex determinat fl-atti ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk it-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* jistabilixxi dan l-ammont ghal €1,000 (elf ewro).

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-atturi irnexxielhom jipprovaw l-istanza taghhom sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnhom ghandha tigi milqugha limitatament ghal ammont ta' €2,200 (elfejn u mitejn ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-atturi, u jordna lis-socjeta intimata thallas lil atturi is-somma ta' €2,200 (elfejn u mitejn ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru